# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 229/2017**

Il-Pulizija

vs

**Enas Sobhy Zaky Attia Casha**

detentrici tal-karta ta’ l-identita’ numru 36478(A)

Illum, 15 ta' Gunju, 2018

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanta Enas Sobhy Zaky Attia Casha quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli fil-25 ta' Frar, 2017 hija rrifjutat li taghti access lil wild taht il-kustodja taghha lil Samir Lotfi Fahim Tawdrous, hekk kif ordnata mill-Qorti jew hekk kif mrbuta bil-kuntratt minghajr raguni xierqa.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-24 ta’ April, 2017 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikolu 338(ll) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-imputata hatja tal-akkuza kif dedotta u ikkundannatha gimgha detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellanta Enas Sobhy Zaky Attia Casha pprezentat fit-2 ta' Mejju, 2017 fejn talbet li din il-Qorti joghgobha tirrevoka fl-intier taghha s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-ismijiet Pulizijia v. Enas Sobhy Zaky Attia Casha tal-24 ta' April, 2017 li biha hija nstabet hatja u giet ikkundannata ghal gimgha detenzjoni, u dan billi tilliberaha mill-akkuza migjuba kontriha.

Rat l-aggravji tal-appellanta u cioe':-

Illi kull meta jigi ordnat access taht supervizjoni tal-Agenzija Appogg, hija l-Agenzija li tikkuntattja l-partijiet biex tiftihem maghhom min ser tkun is-social Worker u kif jigi ezercitat l-access. F'dan il-kaz is-Social Worker Ingrid Vassallo kellha ssib soluzzjoni bejn zewg digriet tal-Qorti konfliggenti fejn wiehed jghid li l-access favur Samir Tawdrous ghandu jigi ezercitat fid-dar tieghu, u l-iehor jghid li kwalunkwe kuntatt ma' l-appellanti u uliedha ghandu jsir biss fl-Appogg.

Illi sal-jum mertu ta' dan il-kaz is-social worker in kwistjoni kienet ghadha ma rrangatx biex l-acess isir fil-bini tal-Appogg, u lill-appellanta ma talbithiex iggib it-tfal hemm.

Illi ghalhekk kien hemm raguni xierqa ghaliex Samir Tawdrous ma nghatax access ghall-minuri imsemmija, u dik ir-raguni ma kinitx ta' ebda htija da parti tal-appellanta.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi l-aprtijiet irangaw il-pendenzi taghhom u l-parte civile ma ghandha ebda nteress f'dan l-appell.

Ghaldaqstant, tichad l-appell ta' Enas Sobhy Zaky Attia Casha fil-meritu.  Dwar il-piena thasssar u tirrevoka l-piena nflitta u minflok tillibera lill-appellanta taht il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma tgahmilx reat iehor fi zmien xahar mil-lum.